**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 129**
**L-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - IMPJEGATI FL-UFFIĊĊJU/I TAL-KOSTITWENZA**

**8786. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jifthu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-impjegati tas-segretarjat privat huma ingaġġati u jaħdmu b'rispett sħiħ u konsistenti mal-Engagement of Staff for Ministers' Secretariat maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2012. Dawn il-linji gwida għadhom fis-seħħ u fil-preżent dawn huma aċċessibbli fil-Manual on Resourcing Policies and Procedures li jikkumplimenta l-Public Service Management Code.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - IMPJEGATI FL-UFFIĊĊJU/I TAL-KOSTITWENZA**

**8787. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jifthu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-impjegati tas-segretarjat privat huma ingaġġati u jaħdmu b'rispett sħiħ u konsistenti mal-Engagement of Staff for Ministers' Secretariat maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2012. Dawn il-linji gwida għadhom fis-seħħ u fil-preżent dawn huma aċċessibbli fil-Manual on Resourcing Policies and Procedures li jikkumplimenta l-Public Service Management Code.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - IMPJEGATI FL-UFFIĊĊJU/I TAL-KOSTITWENZA**

**8788. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tagħha li jmorru jifthu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-impjegati tas-segretarjat privat huma ingaġġati u jaħdmu b'rispett sħiħ u konsistenti mal-Engagement of Staff for Ministers' Secretariat maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2012. Dawn il-linji gwida għadhom fis-seħħ u fil-preżent dawn huma aċċessibbli fil-Manual on Resourcing Policies and Procedures li jikkumplimenta l-Public Service Management Code.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - IMPJEGATI FL-UFFIĊĊJU/I TAL-KOSTITWENZA**

**8789. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jifthu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-impjegati tas-segretarjat privat huma ingaġġati u jaħdmu b'rispett sħiħ u konsistenti mal-Engagement of Staff for Ministers' Secretariat maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2012. Dawn il-linji gwida għadhom fis-seħħ u fil-preżent dawn huma aċċessibbli fil-Manual on Resourcing Policies and Procedures li jikkumplimenta l-Public Service Management Code.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - IMPJEGATI FL-UFFIĊĊJU/I TAL-KOSTITWENZA**

**8790. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-impjegati tas-segretarjat privat huma ingaġġati u jaħdmu b'rispett sħiħ u konsistenti mal-Engagement of Staff for Ministers' Secretariat maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2012. Dawn il-linji gwida għadhom fis-seħħ u fil-preżent dawn huma aċċessibbli fil-Manual on Resourcing Policies and Procedures li jikkumplimenta l-Public Service Management Code.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - IMPJEGATI FL-UFFIĊĊJU/I TAL-KOSTITWENZA**

**8791. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-impjegati tas-segretarjat privat huma ingaġġati u jaħdmu b'rispett sħiħ u konsistenti mal-Engagement of Staff for Ministers' Secretariat maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2012. Dawn il-linji gwida għadhom fis-seħħ u fil-prezent dawn huma aċċessibbli fil-Manual on Resourcing Policies and Procedures li jikkumplimenta l-Public Service Management Code.
Ngħarraf ukoll lill-Onor. Interpellant illi m'għandi l-ebda uffiċċju ta' kostitwenza.

Seduta 129
31/05/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8913. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-tagħrif mitlub.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8914. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Tista' tgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8915. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Tista' tgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8916. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| **DCS** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **L-Entità Topera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| LE | | | | |
| **ACM** | | | | |
| **L-Entità Topera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| IVA | TG Complex - Mrieħel | 01-Jul-20 | 30-Jun-30 | Sena 1 - €151,705.00 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | Sena 2 - €157,773.00 |
| | | | | Sena 3 - €164,085.00 |
| | | | | Sena 4 - €170,647.00 |
| | | | | Sena 5 - €177,473.00 |
| | | | | Sena 6 - €184,572.00 |
| | | | | Sena 7 - €191,955.00 |
| | | | | Sena 8 - €199,633.00 |
| | | | | Sena 9 - €207,619.00 |
| | | | | Sena 10 - €215,923.00 |
| **Festivals Malta** | | | | |
| **L-Entità Topera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| IVA | 4 units f' Europa House | 1 ta' April 2019 | 31 ta' Marzu 2029 | Sena 1 - €52,792.00 |
| | | | | Sena 2 - €54,904.00 |
| | | | | Sena 3 - €57,100.00 |
| | | | | Sena 4 - €59,384.00 |
| | | | | Sena 5 - €61,760.00 |
| | | | | Sena 6 - €64,230.00 |
| | | | | Sena 7 - €66,798.00 |
| | | | | Sena 8 - €69,470.00 |
| | | | | Sena 9 - €72,250.00 |
| | | | | Sena 10 - €75,140.00 |
| **Ewropa Kreattiva** | | | | |
| **L-Entità Topera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| IVA | 204,Triq l-Ifran, Valletta | 1 ta Lulju 2020 | Sena 2030 | €18,408 |
| **Fondazzjoni Ċentru Kreattivita** | | | | |
| **L-Entità Topera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| LE | | | | |
| **Heritage Malta** | | | | |
| **L-Entità Topera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| IVA | 5 Warehouses gewwa Hal-Far | 21/05/2021 | 20/05/2027 | €187,500 għall-5 warehouses li ji¿diedu b'5% kull sena |
| | 2 Garaxxijiet ġewwa r-Rabat, Għawdex | 01/01/2023 | 31/12/2023 | €7,300 |

| MICAS | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| LE | | | | |

| Malta Philharmonic Orchestra | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| IVA | The Penthouse, Triq Jihn Lopez, Floriana | May-15 | Apr-25 | € 86,800 |

| Con Cathedral | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| LE | | | | |

| SCH | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| LE | | | | |

| Teatru Manoel | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| LE | | | | |

| Valletta Cultural Agency | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| IVA | Uffiċċju Prinċipali | 25 ta' Ġunju 2021 | 31 ta' Diċembru 2023 | €96,028 |

**Culture Directorate**

| L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le) | Liema binjiet huma | Meta bdiet il-Kirja | Meta tagħlaq l-kirja | Kemm hi l-kirja kull sena |
|---|---|---|---|---|
| LE | | | | |

**Local Government Division**

| L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le) | Liema binjiet huma | Meta bdiet il-Kirja | Meta tagħlaq l-kirja | Kemm hi l-kirja kull sena |
|---|---|---|---|---|
| IVA | Local Government Division Gozo Dar il-Ghaqda Triq il-Kastell Victoria Gozo | 01-Jan-23 | 31-Dec-24 | €8,000 |

**Restoration Directorate**

| L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le) | Liema binjiet huma | Meta bdiet il-Kirja | Meta tagħlaq l-kirja | Kemm hi l-kirja kull sena |
|---|---|---|---|---|
| LE | | | | |

**National Archives**

| L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le) | Liema binjiet huma | Meta bdiet il-Kirja | Meta tagħlaq l-kirja | Kemm hi l-kirja kull sena |
|---|---|---|---|---|
| LE | | | | |

**Malta Libraries**

| L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le) | Liema binjiet huma | Meta bdiet il-Kirja | Meta tagħlaq l-kirja | Kemm hi l-kirja kull sena |
|---|---|---|---|---|
| LE | | | | |

**Kunsill tal-Ilsien Malti**

| L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le) | Liema binjiet huma | Meta bdiet il-Kirja | Meta tagħlaq l-kirja | Kemm hi l-kirja kull sena |
|---|---|---|---|---|
| LE | | | | |

| Kottonera Foundation | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| IVA | Isla | 04/11/2019 | 03/11/2029 | €39,900 |

| PBS | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **L-EntitàTopera minn Binja Mikrija? (Iva/Le)** | **Liema binjiet huma** | **Meta bdiet il-Kirja** | **Meta tagħlaq l-kirja** | **Kemm hi l-kirja kull sena** |
| LE | | | | |

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8917. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemm l-ebda entità taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ li topera minn binja li hija mikrija.

Seduta 129
31/05/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – SEGRETARJAT PARLAMENTARI - ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8968. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tas-Segretarju Parlamentari li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

18/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninfurma lill-Onor. Interpellant li ninsab infumat li ebda entità fi ħdan id-dekasteru tas-Segretarju Parlamentari ma topera minn binja mikrija mingħand is-settur privat.

Seduta 129
31/05/2023

**SPTAR MATER DEI – ITTRI LIL PAZJENTI**

**9006. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex mhux id-dipartimenti kollha qegħdin jużaw metodi biex jiġi żgurat li l-GDPR tal-pazjent tiġi mħarsa bħal meta jintbagħtu ittri? Għaliex mhux qed jintuża timbru ġeneriku tal-Isptar Mater Dei meta jintbagħtu ittri?

22/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kull Unit fl-Isptar Mater Dei jrid juża t-timbru kull meta jibgħat ittri bil-posta. Għall-Outpatient Clinics fejn jintbagħtu eluf ta' appuntamenti ġie krejat code għal kull Unit u dan jintuża fuq it-timbru minflok l-isem tal-Unit.

Seduta 129
31/05/2023

**BCRS – INSTALLAZZJONI TA' KAXXI ĠODDA**

**9007. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hux se jkunu installati aktar kaxxi tal-BCRS fir-Rabat (Malta), fl-Imtarfa, fl-Imġarr, f'Ħaż-Żebbuġ u f'Ħad-Dingli? Jekk iva, f'liema lokalitajiet u f'liema toroq?

22/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li preżentement m'hemm l-ebda pjan li jiġu installati aktar Reverse Vending Machines fil-lokalitajiet imsemmija, li diġà huma moqdijin b'tal-inqas installazzjoni ta' magna waħda. Barra minn hekk, il-konsumaturi għandhom id-dritt li jirritornaw il-konterituri fil-ħwienet minn fejn jinxtraw.
Għadha kemm ġiet imnedija wkoll skema fejn persuni li għandhom 'il fuq minn 60 sena jikkwalifikaw għas-servizz ta' Silver T, li joffri servizz ta' trasport bla ħlas sabiex anzjani jkunu jistgħu jitwasslu fl-eqreb magna (RVM) meta jagħżlu li jużaw wieħed mis-servizzi ta' Silver T.

Seduta 129
31/05/2023

**BIRKIRKARA - ĊENTRU TAS-SAĦĦA – SISTEMA TAL-ARJA**

**9008. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Minstru u Ministru għas-Saħħa jispjega għaliex qed ikun hemm dewmien fit-tlestija tas-sistema tal-arja fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara?

22/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma hemm l'ebda dewmien u s- sistemi kollha qed jiġu installati skont il-programm.

Seduta 129
31/05/2023

**MEDIĊINI OUT OF STOCK**

**9009. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Minstru u Ministru għas-Saħħa jipprovdi elenku tal-mediċini li kienu out of stock f'dawn l-aħħar sitt xhur u jgħid liema minnhom inxtraw b'direct order sabiex ikun hawn ħażna tagħhom? Jista' għal kull prodott jgħid liema kienu l-kumpaniji li ssupplixxew din il-mediċina?

22/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni litalab tinstab fuq is-sit: https://healthservicescms.gov.mt

Qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra screenshot tal-aħħar lista kif tidher fuq dan is-sit.

Seduta 129
31/05/2023

**SPTAR MATER DEI U SPTAR KARIN GRECH – PAZJENTI**

**9010. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Minstru u Ministru għas-Saħħa jgħid fid-data li titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari kemm-il pazjent qed jokkupa sodda fl-Isptar Mater Dei sakemm qed jistenna li jintbagħat f'dar tal-anzajni jew fl-Isptar Karin Grech?

22/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 15-il pazjent li huma kkonfermati li se jintbagħtu Karin Grech waqt li hemm 64 pazjent li qed jistennew li jintbagħtu f'dar tal-anzjani.

Seduta 129
31/05/2023

**KIMOTERAPIJA FLUOROURACIL OUT OF STOCK**

**9017. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8800, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta l-Kimoterapija Fluorouracil kienet out of stock f'April u Mejju bħala ġranet?

23/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Kimoterapija Fluorouracil kienet out of stock mill-4 ta' Mejju sas-17 ta' Mejju.

Seduta 129
31/05/2023

**KULLEĠĠ SAN NIKOLA – SKOLA SEKONDARJA – ASSISTENTI KAPIJIET, GĦALLIEMA U LSES LI TALBU GĦAL DEPLOYMENT**

**9045. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm Assistenti Kapijiet, għalliema u LSEs talbu għal deployment biex ma jibqgħux fl-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ San Nikola?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9038.

Seduta 129
31/05/2023

**KULLEĠĠ SAN TUMAS MORE – SKOLA SEKONDARJA – ASSISTENTI KAPIJIET, GĦALLIEMA U LSES LI TALBU GĦAL DEPLOYMENT**

**9046. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm Assistenti Kapijiet, għalliema u LSEs talbu għal deployment biex ma jibqgħux fl-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ San Tumas More?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9038.

Seduta 129
31/05/2023

**SKOLA HAND IN HAND – STUDENTI**

**9047. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti jattendu fl-Iskola Hand in Hand li ġejjin minn skejjel Indipendenti, Statali u tal-Knisja? Jista' jgħid ukoll jekk dawn humiex sussidjati mill-Gvern?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 129
31/05/2023

**SKEJJEL STATALI – RATA TA' ĦLAS GĦAS-SERVIZZI TA' PHOTOCOPYING**

**9048. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx rata fissa stabbilita għall-iskejjel statali li biha jkunu ċċarġjati l-edukaturi li jagħmlu użu minn servizzi ta' photocopying fl-iskejjel stess? Jekk iva, din kemm hi? Jekk le, jista' jgħid jekk humiex l-amministrazzjonijiet tal-iskejjel li qed jistabbilixxu r-rata?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rata ta' ħlas qatt ma kienet fissa u dejjem ġiet stabbilita mill-amministrazzjoni tal-Iskola.

Seduta 129
31/05/2023

**SKOLA NAZZJONALI TAL-ISPORT – SKEMA POST-SEKONDARJA**

**9049. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li applikaw għall-iskema post-sekondarja offruta mill-Iskola Nazzjonali tal-Isport? Fejn qiegħed isir dan it-taħriġ u kif ġew magħżula l-coaches li qed jgħallmu din l-iskema u x'kuntratt għandhom?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema perjodu qed jirreferi.

Seduta 129
31/05/2023

**SKOLA NAZZJONALI TAL-ISPORT – STUDENTI LI APPLIKAW**

**9050. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li applikaw biex jissieħbu fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport (sena b'sena) għal dawn l-aħħar ħames snin u liema kienu d-dixxiplini sportivi li għażlu?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 129
31/05/2023

**GĦAWDEX – TALBIET GĦAL BERTH FIL-MARINA**

**9069. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-ammont ta' talbiet li hemm fuq il-waiting list għal berth fil-Marina ta' Għawdex? Jista' jgħid ukoll fil-konkret x'hemm ippjanat li jsir biex jiżdiedu l-berths ġewwa Għawdex matul din il-leġiżlatura?

23/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sar ħafna xogħol biex ikunu organizzati bl-aħjar mod l-irmiġġi fil-Port tal-Imġarr billi tpoġġew puntuni ġodda u ġew organizzati aħjar id-dgħajjes li kien hemm marbuta u fuq bagi. L-ispazju hu dak li hu, ristrett ħafna għad-domanda kbira li hemm speċjalment bil-miżati preżenti li wieħed iħallas għall-irbit u rmiġġi. Dawn il-miżati ilhom ma jiġu reveduti snin u ma jirriflettux dawk attwali u tas-suq. Madankollu, l-Awtorità tat-Trasport se tibqa' għaddejja b'eżerċizzji biex dejjem torganizza aħjar il-mooring u berthing areas biex jinħolqu spazji ġodda fejn hu possibbli. Jien infurmat li bħalissa hemm 457 applikazzjoni fil-waiting list għall-berthing f'Għawdex.

Seduta 129
31/05/2023

**GĦAWDEX – BINI TA' ADVENTURE PARKS**

**9070. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'dawn l-aħħar għaxar snin kemm inbnew Adventure Parks ġodda ġewwa Għawdex, fejn inbnew u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll jekk f'din il-leġiżlatura hemmx ippjanati li jinbnew Adventure Parks ġodda ġewwa Għawdex u jekk iva, fejn u kemm hi maħsuba li se tkun l-ispiża?

23/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għalkemm Adventure Parks fis-snin indikati ma nbnewx, f'din il-leġiżlatura u ta' qabilha ngħataw lura biex jitgawdew min-nies spazji pubbliċi bħalma huma r-riġenerazzjoni ta' Pjazza San Franġisk, Pjazza tax-Xewkija u l-Pjazza tal-Munxar. Dan flimkien ma' numru ta' open gyms li l-Ministeru ffinanzja permezz ta' skema lill-Kunsilli Lokali. Tkomplew ix-xogħlijiet ta' afforestazzjoni fil-park tal-familja ġewwa il-Qortin t'Isopu u investiment ieħor mill-Wasteserv ra s-sit magħruf il-qortin tax-Xagħra jinbidel fi spazju ieħor miftuħ għal pubbliku. Madanakollu l-idea ta' Adventure Parks hija proposta tajba u ser inkunu qed naraw fejn jista' jinbena wieħed ġdid jew inkella jkun inkorporat fi proġetti eżistenti jew ġodda sabiex tali parks ikunu jistgħu jitgawdew mill-familji tagħna.

Seduta 129
31/05/2023

**RABAT, GĦAWDEX – TRIQ SANTA DMINKA - XOGĦLIJIET**

**9071. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8150 u jgħid x'tip ta' xogħlijiet inbdew fuq parti minn Triq Santa Dminka, fir-Rabat Għawdex, f'dawn l-aħħar ġimgħat u fiex jikkonsistu? Jista' jgħid x'fadal isir u meta hu ppjanat bejn wieħed u ieħor li jitlesta x-xogħol?

23/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet f'din il-parti tat-triq qed isiru minħabba l-problema tal-għarar. Fil-fatt saret sistema ta' storm water culverts ġdida u dan sabiex tittaffa l-problema tal-għarar. Barra minn hekk ser jinbidlu wkoll is-servizzi tal-ilma u kif ukoll dak tad-drenaġġ. Ma' dawn ix-xogħlijiet ser jingħata wkoll wiċċ ġdid lil din l-istess Triq fejn qed isiru x-xogħlijiet.

Seduta 129
31/05/2023

**NADUR, GĦAWDEX– BERĠA TAS-SAĦĦA**

**9072. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se tkun qed topera (xahar u sena) l-Berġa tas-Saħħa ġewwa n-Nadur, Għawdex?

23/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari li għamel hu stess numru 3628.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9102. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm għandha ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tagħha, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru u d-dekasteru tiegħu hemm 76 ħaddiema tal-kuntrattur jaħdmu f'xogħlijiet li jvarjaw minn tindif, sigurtà, xufiera, messaġġieri, skrivani, receptionists, support workers u IT support workers.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9103. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li taħt id-dekasteru tal-Ministeru hemm 56 ħaddiem tal-kuntrattur li jagħmlu xogħol relatat ma' tindif, dak klerikali u bħala assistenti uffiċjali. Fl-istess ħin, Infrastructure Malta tuża total ta' 14,910 sigħat fis-sena ta' servizzi ta' ħaddiema tal-kuntrattur.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9104. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fejn jidħlu ħaddiema mal-kuntrattur il-Ministeru għal Għawdex jixtri s-sigħat li hemm bżonn li jiġu koperti u għaldaqstant il-kuntratturi privati jiffornixxu n-numru ta' individwi li hemm bżonn biex jiġu koperti t-tali sigħat.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9105. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9106. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 39 ħaddiem tal-kuntrattur li jaħdmu fid-dekasteru ta' dan il-Ministeru.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9107. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm għandha ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tagħha, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża hemm 953 ħaddiem mal-kuntrattur, li 806 minnhom qed jagħtu servizz lill-Wasteserv. Il-bqija tal-ħaddiema għandhom rwoli f'dak li huwa xogħol ta' tindif, klerikali, customare care, qaulity assurance, monitoring and enforcement, reception, security u tekniċi.

Seduta 129
31/05/2023

**GĦAWDEX – PROĠETTI TA' SPAZJI MIFTUĦIN FIL-KOMUNITAJIET**

**9142. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid mis-16-il proġett li tħabbru ta' spazji miftuħin fil-komunitajiet b'investiment ta' €10 miljun li se jkunu lesti sas-sena 2025 u li se jsiru f'Għawdex, kemm hu l-ammont globali li se jieħu Għawdex minn dawn l-€10 miljun?

24/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** F'Jannar li għadda, ftit jiem biss wara li twaqqfet Project Green, nedejna l-Community Greening Grant - l-ikbar skema li qatt rajna s'issa f'pajjiżna għal proġetti ambjentali. Din l-iskema ser tissarraf f'€10 miljun lill-komunità biex jitwettqu proġetti ambjentali li jagħmlu differenza pożittiva u reali fil-lokalitajiet. Fl-istess ħin qed naħdmu fuq proġetti kbar filwaqt li komplejna niftħu spazji miftuħa ġodda u riġenerati. F'anqas minn ħames xhur diġà tajna 32,000 metru kwadru
Bis-16-il proġett f'din l-ewwel sejħa tal-iskema, hu stmat li ser noħolqu żoni mħaddra li jistgħu jilħqu 110,000 persuna, f'temp ta' 10 minuti mixi. Dawn il-proġetti jammontaw għal 80,000 metru kwadru ta' spazji mħaddra ġodda – jiġifieri 10 darbiet daqs il-Fosos tal-Floriana. Uħud minnhom se jsiru fuq artijiet li setgħu ġew

żviluppati għall-bini u li issa se jinbidlu f'pulmuni t'arja nadifa. Intgħażlu proġetti li juru firxa ta' inizjattivi differenti u li se jwasslu għat-tħawwil t'aktar minn 6,400 siġra.
Kif diġà tħabbar pubblikament, fost il-proġetti li ntgħażlu fl-ewwel sejħa tal-Community Greening Grant hemm dak li ġie propost mill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem biex tingħata ħajja ġdida lil ġnien pubbliku u jservi bħala ċentru edukattiv ambjentali fil-beraħ. Dan il-proġett huwa stmat li se jiswa €596,772 u se jkun jinkludi faċilitajiet għal tfal neqsin mid-dawl u dawk bl-awtiżmu, kif ukoll karatteristiċi ġodda ta' aċċessibbiltà inkluż rotta diretta għall-mixi lejn il-Wied tal-Imġarr.
Kif spjegajt fit-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 8151, fil-każ t'Għawdex Project Green b'kollaborazzjoni mad-Direttorat ecoGozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ser tkun qed twettaq ukoll proġett biex jiġi riabilitat Wied tal-Grixti, li se jkun ko-finanzjati minn fondi permezz tal-proġett LIFE Integrated Project.
Barra minn hekk, Project Green diġà qed titkellem ma' ħafna mill-applikanti li ma ntgħażlux għall-ewwel sejħa tal-Community Greening Grant, biex naraw kif il-proġetti tagħhom nistgħu nagħmluhom ambjentalment aktar sostenibbli u eventwalment inwettquhom.
Sadattant, ninsab infurmata li Project Green qed tikkollabora wkoll mal-Ministeru għal Għawdex sabiex isiru investimenti konġunti f'aktar spazji miftuħa u proġetti ambjentali oħrajn madwar Għawdex.

Seduta 129
31/05/2023

**GĦAWDEX – SEJĦA GĦALL-OFFERI GĦAL XOGĦLIJIET FUQ TOROQ**

**9143. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex tikkonsisti s-sejħa għall-offerti għal xogħlijiet fuq toroq li hemm appell bħalissa quddiem il-Public Contracts Review Board (PCRB)? Jista' jgħid liema huma t-toroq u fejn jinsabu li hemm ħsieb li jsiru fl-immedjat permezz ta' din is-sejħa? Jista' jgħid kemm hu l-valur ta' din is-sejħa? Jista' jgħid jekk il-Ministeru għal Għawdex talabx li dan l-appell jinstema' u jiġi deċiż b'mod urġenti mill-PCRB, peress li fil-preżent il-Ministeru għal Għawdex inqabad f'sitwazzjoni li ma għandux tender/kuntratt biex jaħdem xogħol ta' urġenza?

24/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-appell mistenni jinstema fil-ġimgħat li ġejjin. Ninforma wkoll li l-Ministeru kkomunika sabiex tali Board ma jdumx ma jinstema'. Rigward ix-xogħlijiet, il-prijorità se tkun fuq xogħlijiet li kienu diġà bdew u waqfu minħabba li kien spiċċa il-kuntratt bħal pereżempju Triq l-Emigranti fin-Nadur u Triq Stellini fix-Xagħra.

Seduta 129
31/05/2023

**BORMLA - DELCEPPO GROUND – XOGĦOL**

**9162. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol ġewwa Delceppo Ground, f'Bormla?

25/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Bormla li x-xogħlijiet mixjin hekk kif inhu ppjanat.

Infurmat li sakemm ma jkunx hemm problemi mhux mistennija, jonqos biss li jsir turf artifiċjali fil-5-a-side football pitch, jiġu installati CCTV cameras u jitwaħħlu l-bandli.

Seduta 129
31/05/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA QUDDIEM IL-KNISJA TA' GĦAJN DWIELI - XOGĦLIJIET**

**9163. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6354, jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja ta' Għajn Dwieli, f'Raħal Ġdid?

25/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li nħadmu 130 minn 170 balavostra u nbeda x-xogħol fuq il-parti fejn ser issir rampa għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Tneħħa s-soprabank u l-balavostri eżistenti biex issa jkun jista' jibda wkoll ix-xogħol fuq il-parti tal-ħajt.

Seduta 129
31/05/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA ANTOINE DE PAULE - XOGĦLIJIET**

**9164. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8952, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u ċjoè: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1390, 1657, 2056, 2928, 4461, 5066, 5165 u 6362 jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi forma ta' żvilupp fuq ix-xogħol neċessarju fil-Pjazza Antoine de Paule f'Raħal Ġdid fid-dawl li din is-sitwazzjoni issa ilha pendenti s-snin u jindika meta se jibda jsir ix-xogħol neċessarju f'din il-pjazza ?

25/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nistieden lill-Onor. Interpellant jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 129
31/05/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA ANTOINE DE PAULE - XOGĦLIJIET**

**9165. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8952, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u ċjoè: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1390, 1657, 2056, 2928, 4461, 5066, 5165 u 6362 jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi forma ta' żvilupp fuq ix-xogħol neċessarju fil-Pjazza Antoine de Paule f'Raħal Ġdid fid-dawl li din is-sitwazzjoni issa ilha pendenti s-snin u jindika meta se jibda jsir ix-xogħol neċessarju f'din il-pjazza?

25/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta fi ħdan il-Ministeru ntalbet biex tassisti lill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali biex jindirizza xi ħsarat li żviluppaw fil-wiċċ ta' din il-pjazza. Infrastructure Malta kkummissjonat studji u numru ta' testijiet biex isiru rakkomandazzjoniet kif l-aħjar jiġu indirizzati dawn il-ħsarat wara diskussjonijiet mal-awtoritajiet ikkonċernati.

Seduta 129
31/05/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA ANTOINE DE PAULE - XOGĦLIJIET**

**9166. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8952, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u ċjoè: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1390, 1657, 2056, 2928, 4461, 5066, 5165 u 6362 jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi forma ta' żvilupp fuq ix-xogħol neċessarju fil-Pjazza Antoine de Paule f'Raħal Ġdid fid-dawl li din is-sitwazzjoni issa ilha pendenti s-snin u jindika meta se jibda jsir ix-xogħol neċessarju f'din il-pjazza?

25/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 129
31/05/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA ANTOINE DE PAULE - XOGĦLIJIET**

**9167. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8952, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u ċjoè: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1390, 1657, 2056, 2928, 4461, 5066, 5165 u 6362 jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx xi forma ta' żvilupp fuq ix-xogħol neċessarju fil-Pjazza Antoine de Paule f'Raħal Ġdid fid-dawl li din is-sitwazzjoni issa ilha pendenti s-snin u jindika meta se jibda jsir ix-xogħol neċessarju f'din il-pjazza?

25/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 129
31/05/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN PAWL – TALBA GĦAL ZEBRA CROSSING JEW PELICAN LIGHTS**

**9184. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar ikkunsidrax talba biex issir zebra crossing jew pelican lights jew xi forma ta' mezz ieħor sabiex persuni jkunu jistgħu jaqsmu t-triq b'mod sigur fi Triq San Pawl, viċin il-kappella tal-Madonna tal-Karmnu? Jekk iva, meta kkunsidra dan u x'deċiżjoni ttieħdet?

25/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li l-istess Kunsill ħa nota tas-suġġeriment li daħal ftit ġimgħat ilu. Infurmat ukoll li l-Kunsill rispettiv fil-prinċipju huwa favur dan is-suġġeriment u għaldaqstant se ssir evalwazzjoni.

Seduta 129
31/05/2023

**SELMUN PALACE HOTEL – XOGĦOL**

**9185. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħol twettaq fuq is-Selmun Palace Hotel? Min wettqu? Dan ix-xogħol kien kopert b'permess tal-Awtorità tal-Ippjanar? Jekk iva, liema hu l-permess għal kull xogħol li twettaq?

25/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi saru xogħlijiet żgħar ta' manutenzjoni fuq is-Selmun Palace Hotel.
Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant illi hu ppjanat li tinħareġ tender għal manutenzjoni estensiva tal-post u li sabiex dan ix-xogħol ikun jista' jsir inħareġ il-permess PA/03420/22.

Seduta 129
31/05/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – REVOKAR TAL-PERMESS DN/00648/22**

**9186. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar bir-referenza DN/00648/22 ġie revokat?

25/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-permess DN 648/22 ġie rrevokat skont l-artikolu 80 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta.

Seduta 129
31/05/2023

**XOGĦOL B'RABTA MAN-NEW WATER**

**9187. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid liema mix-xogħol, li kien approvat permezz tal-permess PA5334/17, marbut man-new water, għadu mhux iffinalizzat? Meta hu mistenni li jitlesta dan ix-xogħol li baqa'? Meta hu mistenni li l-bdiewa ser ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-ilma li se jitwassal f'dawn l-inħawi?

25/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li x-xogħlijiet b'rabta mal-proġett tan-New Water li huma mniżżla fil-permess indikat u li għadhom preżentement għaddejjin jinkludu tħaffir ta' trinek kif ukoll tqegħid ta' katusi, u finalment it-tqegħid tad-dispensers tan-New Water. Infurmata li x-xogħlijiet fl-akkwata ta' Popeye Village mistennija jiġu konklużi f'Ġunju, filwaqt li dawk fl-akkwati tal-Miżieb u Għajn Tuffieħa/Manikata huma proġettati li jitlestew fl-aħħar tas-sena 2023, minħabba li hemm l-obbligu li jitwaqqfu matul ix-xhur meqjusin bħala l-istaġun turistiku. Il-bqija tax-xogħlijiet imniżżla fil-permess huma kollha finalizzati.

Seduta 129
31/05/2023

**PROJECT GREEN – PROPOSTI MAGĦŻULA**

**9188. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid liema kienu t-talbiet li ġew sottomessi għal investiment minn Project Green? Issa li ġie magħruf li numru minn dawn il-proposti ser isiru matul iż-żmien li ġej, tista' tagħti informazzjoni dwar it-talbiet l-oħra li għalissa ma ġewx magħżula? F'kull każ, min issottometta t-talba?

25/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Is-16-il proġett li ntgħażlu fl-ewwel sejħa tal-Community Greening Grant ser joħolqu spazji miftuħa mill-isbaħ. Minn proġetti kbar, bħat-trasformazzjoni tal-inħawi Taż-Żebbuġ f'Ħal Għaxaq f'park ġdid kbir daqs 3 grawnds tal-futbol, b'żona għall-kampeġġ. Għal proġetti iżgħar, bħar-riabilitazzjoni tal-playing field tal-Pietà, li issa se jkollha żona għall-qari u spazju għal wirjiet artistiċi fil-beraħ.
Għandna proġetti li se jagħtu ħajja ġdida lil ġonna eżistenti, bħal Ġnien Reggie Cilia fil-Mosta li se jkun ikbar, u jkollu iżjed siġar milli fih illum. Il-proġett ta' Ġnien Mediterran f'Raħal Ġdid se jinkludi żona għall-istudenti tal-MCAST viċin, filwaqt li l-proġett li se tagħmel l-Iskola De La Salle se jibdel ġnien ma jintużax fi spazju t'edukazzjoni ambjentali.
Fost il-proġetti hemm ukoll diversi proposti innovattivi, bħall-Ġnien Malti li l-għaqda Grow 10 Trees ser tagħmel f'Birkirkara. Dan il-ġnien se jkun ukoll hub fejn il-volontiera ta' din l-għaqda jkattru iż-żrieragħ u x-xitel ta' pjanti u siġar Maltin. L-ispazju miftuħ li se jagħmel il-Kunsill Lokali t'Għajnsielem se jkollu faċilitajiet għal tfal neqsin mid-dawl u dawk bl-awtiżmu.
Proġett ieħor li qed jibbenefika mill-fondi ta' Project Green huwa dak tal-Kunsill Lokali tal-Gżira, li b'mod kreattiv se jsebbaħ iż-żona ta' madwar waqfa tal-karozza tal-linja li jużaw ħafna passiġġieri, biex nagħtu esperjenza isbaħ lil dawk li jużaw mezzi sostenibbli tal-ivvjaġġar.
Fl-Imtarfa, permezz tal-Community Greening Grant se nibdlu żona miksija bil-konkos fi ġnien tal-frott, b'aktar minn 160 siġra. F'Marsaxlokk, żona li bħalissa m'hijiex aċċessibbli se ssir masġar ta' 4,500 metru kwadru, b'żoni ta' rikreazzjoni għal dawk li jgħixu fl-inħawi.

Proġetti oħrajn se jagħtu ħajja ġdida lill-pjazez, bħal Pjazza Victor Denaro l-Imsida u l-Pjazza tal-Karmelitani ż-Żurrieq.
Fost il-proġetti li se joħolqu ġonna ġodda f'siti li ilhom snin twal mitluqin għandna l-ġnien ġdid fi Triq il-Għasel, il-Mellieħa u l-park pubbliku ġdid b'faċilitajiet għal dixxiplini sportivi differenti fiż-żona tax-Xwieki, il-Għargħur. Art mitluqa li hemm maġenb il-masġar tas-Simar fix-Xemxija se ssir aktar aċċessibbli għall-pubbliku biex titgawda bħala picnic area sostenibbli.
F'Santa Venera, Hospice Malta se jibdlu art mitluqa mdawra bil-bini fi ġnien ġdid maġenb ċ-ċentru ġdid ta' kura palljattiva li qed jagħmlu bħalissa. Dan il-ġnien, bħall-ispazji kollha taħt din l-iskema, se jkun miftuħ għall-pubbliku.
Għall-informazzjoni dwar il-proġetti l-oħra nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 9140. Kif diġà ħabbart, Project Green qed tkompli titkellem mal-applikanti biex naraw kif il-proġetti tagħhom nistgħu nagħmluhom ambjentalment aktar sostenibbli u eventwalment inwettquhom ukoll.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9192. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fil-perjodu indikat minnha, mill-2014 sal-lum, ma kien hemm l-ebda kuntratti, direct orders, donazzjonijiet jew benefikati diretti jew indiretti oħra lill-Fondazzjoni indikata.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9193. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9194. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li mid-dekasteru tiegħi ma saru l-ebda tip ta' donazzjonijiet lill-Fondazzjoni inkwistjoni.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9195. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16475 tat-13-il Leġiżlatura.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9196. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tingħabar.

Seduta 129
31/05/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9197. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw

separatament? Tista' tispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'din il-leġiżlatura ma sarux donazzjonijiet mill-Ministeru u/jew l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi lill-Fondazzjoni li qed tissemma separatament.

Seduta 129
31/05/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN PAWL – TALBA GĦAL ZEBRA CROSSING JEW PELICAN LIGHTS**

**9224. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta rċevietx talba biex issir zebra crossing jew pelican lights jew xi forma ta' mezz ieħor sabiex persuni jkunu jistgħu jaqsmu t-triq b'mod sigur fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, viċin il-kappella tal-Madonna tal-Karmnu? Jekk iva, meta kkunsidra dan u x'deċiżjoni ttieħdet?

26/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta fi ħdan il-Ministeru ma rċeviet l-ebda talba għal xi tip ta' crossing fi Triq San Pawl. L-Awtorità ser tkun qed tikkomunika mal-Kunsill Lokali biex tara x'hemm bżonn isir.

Seduta 129
31/05/2023

**ICT SUMMER TRANEESHIP SCHEME**

**9245. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema "ICT Summer Traineeship" hijiex disponibbli għas-settur privat kif ukoll għas-settur pubbliku kif kienet fis-snin ta' qabel? Jekk le, jista' jgħid għaliex kien hemm tibdil u xi studji u raġunamenti wasslu għal dan it-tibdil?

26/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 129
31/05/2023

**BINI TAL-ITS – DIRECT ORDERS GĦAL XOGĦLIJIET**

**9246. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu direct orders għal xogħlijiet fil-bini l-ġdid tal-ITS fi Smart City? Jista' jgħid għal kemm jammontaw dawn id-direct orders, u lil min ingħataw?

26/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ngħataw żewġ direct orders għal xogħlijiet fil-bini tal-kampus il-ġdid tal-ITS. Dawn ingħataw skont ir-regolamenti tal-procurement tal-Gvern.

| | | |
|---|---|---|
| Maniera Periti | Supervise excavation Works | €9,000 |
| Terracore | Coring Services | €6,984 |

Seduta 129
31/05/2023

**BINI TAL-ITS – PROJECT MANAGER RESPONSABBLI MIX-XOGĦLIJIET**

**9247. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid min hu l-Project Manager responsabbli mix-xogħlijiet fuq il-bini l-ġdid tal-ITS fi Smart City, u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra ċ-checks and balances użati biex ikun żgurat li x-xogħlijiet mitluba ngħataw, u ngħataw fil-ħin?

26/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'Lulju 2022, l-ITS ħarġet tender għal servizzi professjonali għal numru wiesa' ta' esperti li se jkunu qed joffru konsulenza dwar il-preparazzjoni u l-aġġudikazzjoni tad-diversi tenders tal-bini u l-finishings tal-kampus, kif ukoll jassumu r-responsabbiltà tal-immaniġġar tal-proġett. Dan it-tender issa huwa aġġudikat bil-kumpanija QPM tieħu r-responsabbiltà u l-immaniġġar ta dan il-proġett.

L-ITS għandha wkoll tim intern li waqt li kien qed jiġi evalwat it-tender, kienu jaħdmu mal-perit oriġinali tal-proġett. Bħalma hija l-prassi, kull xogħol li jsir jgħaddi minn proċess rigoruż ta' verifikazzjoni qabel ma dan jgħaddi għal ipproċessar tal-pagament.

Seduta 129
31/05/2023

**GĦAWDEX - PORT TAL-IMĠARR – DGĦAJJES REĠISTRATI "S"**

**9248. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm dgħajjes li huma reġistrati "S" ingħataw irmiġġ fil-Port tal-Imġarr bejn:
Jannar 2022 - April 2022;
Mejju 2022 - Awwissu 2022;
Settembru 2022 - Diċembru 2022; u
Jannar 2023 - April 2023?

26/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma ingħata l-ebda rmiġġ u ma ħareġ ebda permess lid-dgħajjes irreġistrati "S" fil-Port tal-Imġarr fl-imsemmi perjodu ta' żmien.

Seduta 129
31/05/2023